# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001**

**Numru 25**

**Citaz. Nru. 1002/95 GC**

**Adrian sive Aad De Haan bhala direttur u in rapprezentanza ta' De Haan Transport (Malta) Limited**

**vs**

**L-Avukat Tonio Farrugia u George Whelpdale bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Merill Limited Limited**

**Il-Qorti;**

**Is-sentenza appellata**

Fil-15 ta' Lulju, 1998 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi permezz ta' konvenju li gie iffirmat fl-24 ta' Novembru 1992, bejn il-partijiet, is-socjeta' attrici intrabtet li tixtri u takkwista minghand is-socjeta' konvenuta s-segwenti veikoli u cioe Mercedes 1624L numru ta' registrazzjoni V-5206, Cerex Box Van numru ta' registrazzjoni V-5186, Subaru Van numru ta' registrazzjoni V-2763, Cerex Box Van numru ta' registrazzjoni V-2458, Cerex Box Van numru tar-registrazzjoni V-2861, Toyota Fork Lifter numru ta' registrazzjoni V-3797, Toyota Fork Lifter numru ta' registrazzjoni V-7853 u Frigo Trailer TR0139;

Illi l-fuq imsemmi konvenju huwa validu u dana perss illi l-allegata revoka li saret mill-konvenut Dottor Tonio Farrugia in rappresentanza ta' De Haan Transport (Malta) Limited fil-25 ta' Novembru, 1992, hija nulla u bla effett fil-ligi peress li l-istess konvenut Dottor Tonio Farrugia ecceda l-poteri li kellu meta rrevoka l-imsemmi kuntratt tal-24 ta' Novembru, 1992, u specifikatament ghamel dan bi frodi biex jivvantagga ruhu bhala azzjonist tas-socjeta' Forwarders Limited kif gie dikjarat mill-istess konvenut Dottor Tonio Farrugia, liema nullita ghar-revoka m'hemmx bzonn li tigi dikjarata gudizzjarjament u dana kif ritenut minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u qrati ohra taghna;

Illi l-esponenti irid li isir it-trasferiment tal-istess veikoli imsemmija fil-fuq imsemmi kuntratt tal-24 ta' Novembru 1992 a tenur tal-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratt;

Talab ghalhekk l-attur nomine li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tiddeciedi u tordna lill-konvenuti jittrasferixxu il-veikoli msemmija fil-kuntratt tal-24 ta' Novembru, 1992 lill-attur nomine u dana a tenur tal-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratt;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2517/95;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit illi t-talba tal-attur nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-iskrittura Dok. X kienet giet validament revokata l-ghada stess mis-socjeta' attrici kif legalment rappresentata dak iz-zmien mill-Avukat Tonio Farrugia nomine taht l-artikolu 26 (A) tal-Memorandum u Articles of Association tas-socjeta' attrici, u dan ghar-ragunijiet serji u validissimi li gew iddikjarati fl-istess revoka datata 25 ta' Novembru 1995 li kopja taghha qed tigi hawn esebita bhala dok. FL1 u mhux kif qed

jallega falsament l-attur nomine fic-citazzjoni odjerna “biex (Dr. Farrugia) jivvantagga ruhhu bhala azzjonist tas-socjeta’ Forwarders Limited kif gie dikjarat mill-istess konvenut Dottor Tonio Farrugia”, ghax mhux minnu li Dottor Tonio Farrugia qatt ghamel xi dikjarazzjoni simili u kieku stess is-socjeta’ konvenuta fil-kawza odjerna hija Merill Limited u mhux Fowarders Limited. Fl-istess waqt peress illi l-attur nomine qed jippretendi illi invalida “motu proprio” l-iskrittura ta’ revoka tal-iskrittura Dok. A ghab-bazi biss ta’ premessa ta’ allegat frodi da parti ta’ direttur tal-istess socjeta’ attrici u mhux da parti tal-konvenuti nomine u naqas li jaghmel talba ghad-dikjarazzjoni tal-pretiza nullita’ tal-istess Dok. FL1, din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha in materja hlief li qed tiddeciedi din l-eccezzjoni u dan “entro i termini” tal-istess eccezzjoni; illi f’kull kaz t-talba tal-attur nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex l-imsemmija skrittura Dok. X hija nulla peress illi l-kunsens tal-konvenuti nomine kien gie mehud bi vjolenza u b’eghmil doluz da parti tal-attur nomine, kif gja gie ampjament spjegat fl-affidavits tal-konvenuti nomine fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 2518/95 li nstemgha kontestwalment mal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2517/95, liema atti ghandhom jigu allegati ma’ dan il-pocess; illi f’kull kaz wkoll it-talba tal-attur nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex kif gja gie ddikjarat mill-konvenuti nomine fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 2517/95 fejn esebew kopji tal-“log books” tal-veikoli mertu ta’ din il-kawza, is-socjeta’ konvenuta ma fadlilha l-ebda vetturi fuq isimha peress illi in vista tal-preparazzjoni tal-likwidazzjoni taghha u in vista wkoll illi s-socjeta’ attrici ma kenitx qed tezercita negozju f’Malta direttament, f’Settembru tal-1994 dawn il-veikoli kienu gew trasferiti kollha lill-Forwarders Limited ghab-bazi tal-valur stabbilit mill-awditur tal-attur nomine stess (Dok. FL2). Ir-rikavat ta’ Lm14,616 ittondjat ghal Lm14,500 kien gie mghoddi mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici stess segwit b’ammont iehor ta’ Lm3,000. Fl-4 ta’ Ottubru, mbaghad is-socjeta’ attrici kienet ittrasferiet l-Olanda lis-socjeta’ De Haan’s Expeditoe B.V is-somma ta’ Lm17,060 miz-zewg ammonti imhallsa lilha mis-socjeta’ konvenuta ghas-saldu tas-self li kien sar bl-approvazzjoni tal-Bank Centrali fl-1992 (Dok FL3,4,5,6,7,8 u 9). B’hekk l-iskrittura Dok X kienet giet superata b’dawn il-fatti illi l-attur nomine jaf bihom u ghalhekk il-kawza odjerna hija biss ta’ natura kompletament vessatorja;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti nomine dwar l-ewwel eccezzjoni taghhom;

Rat in-nota ta'osservazzjonijiet responsiva tal-attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 1998;

Ikkonsidrat:-

B'konvenju datat 24 ta' Novembru 1992 l-Avukat Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Merill Limited ipprometew u obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lil Adrian de Haan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' De Haan Transport (Malta) Limited, li da parti tieghu pprometta u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista, diversi vetturi li huma indikati fl-istess konvenju u dana taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kontenuti fl-istess konvenju;

Bi skrittura ohra bid-data tal-ghada 25 ta' Novembru 1992 George Whelpdale bhala direttur tal-istess socjeta' Merill Limited u l-Avukat Dottor Tonio Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija socjeta' De Haan Transport (Malta) Limited irrevokaw totalment l-imsemmi konvenju u rrepristinaw il-posizzjoni tal-imsemmija zewg socjetajiet kif kienet qabel ma sar l-imsemmi konvenju;

Bil-presenti citazzjoni l-attur Adrian de Haan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' De Haan Transport (Malta) Limited qed jitlob li l-konvenuti Avukat Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Merill Limited jigu kundannati lil jittrasferulu l-veikoli kollha indikati fl-imsemmi konvenju tal-24 ta' Novembru 1992;

L-attur nomine ghalhekk qed jitlob illi jigi esegwit l-imsemmi konvenju. Huwa qed jinjora l-imsemmija revoka ta' l-istess konvenju. Tant li fic-citazzjoni l-istess attur nomine ppremetta illi l-imsemmi konvenju huwa validu u illi r-revoka hija nulla u bla ebda effett fil-ligi. Fil-premessi l-attur nomine sostna illi l-konvenut Dottor Farrugia meta ffirma l-istess revoka acceda l-poteri tieghu u inoltre ghamel dan bi frodi biex jivvantagga ruhu bhala azzjonist tas-socjeta' ohra. Huwa wkoll ippremetta illi din in-nullita' tar-revoka m'hemmx bzonn li tigi dikjarata gudizzjarjament;

Da parti taghhom il-konvenuti nomine qed jeccepixxu preliminarjament illi t-talbiet attrici kellhom jigu preceduti b'talba ghal dikjarazzjoni li l-imsemmija revoka tal-konvenju kienet nulla u minghajr effett. Ghalhekk skond il-konvenuti nomine l-attur

nomine kellu ghall-inqas jitlob dikjarazzjoni dwar il-validita' o meno tal-imsemmija revoka;

Huwa minnu li jirrizultaw certi fatti li jghatu wiehed x'jiddubita dwar il-validita' tar-revoka in kwistjoni. Difatti jirrizulta illi r-revoka saret l-ghada li sar il-konvenju. Jidher illi d-direttur li deher fuq il-konvenju ghan-nom tas-socjeta' attrici ma kienx jaf li l-ghada stess il-konvenju gie revokat. Id-direttur li deher ghas-socjeta' attrici meta saret ir-revoka kien deher fuq il-konvenju ghan-nom tas-socjeta' kontraenti l-ohra;

Jidher ukoll pero li d-direttur li ffirma r-revoka ghan-nom tas-socjeta' attrici f'dak il-mument kien in effett regolarment direttur tal-istess socjeta';

Ma hemmx dubju li dawn ic-cirkostanzi kollha u cirkostanzi ohra ghandhom jigu approfonditi sabiex jigi stabbilit jekk ir-revoka tal-konvenju kenitx valida jew le. Jekk is-socjeta' attrici qed tippretendi li kien hemm xi nullita' ghar-rigward tar-revoka, kellha titlob dikjarazzjoni mill-Qorti f'dan ir-rigward. Is-socjeta' attrici ma tistax tassumi wahedha hi r-revoka hi nulla u bla effett u tagixxi fuq dan il-presuppost minghajr ma titlob id-dikjarazzjoni rilevanti mill-Qorti;

Jista' jkun li att huwa null b'mod assolut, cioe li ghandu jitqies bhala li qatt ma sar jew li qatt ma esista. Tali pronunzjament pero ghandu dejjem u fi kwalunwe kaz isir mill-Qorti u parti fl-istess att ma tistax tithalla li tiddeciedi hi definittivament jekk l-att ghandux jitqies validu jew le. L-artikoli tal-ligi li itrattaw dan l-aspett tal-kuntratti jindikaw li tali rexissjoni ghandha dejjem tigi pronunzjata mill-Qorti (vide artikolu 1209 et seq tal-Kodici Civili – Kap 16);

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju 1948 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Gasan vs Farmacista Nicola Spiteri" irriteniet li d-dikjarazzjoniiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' "domandi" izda huwa bizzejjed ili ssir talba biex tigi moghtija kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-prattika kostanti tal-Qrati taghna;

F'dan ir-rigward pero ma jistax jigi desunt mit-termini tac-citazzjoni li l-attur nomine qed jitlob li tinghata xi dikjarazzjoni dwar il-validita' o meno tar-revoka in kwistjoni. Fl-ewwel lok ma saritx it-talba generika li jinghataw id-dikjarazzjoni u l-provvedimenti kollha opportuni. Fit-tieni lok l-attur nomine espressament u specifikatament iddikjara fil-premessi tac-

> citazzjoni illi ma hemmx bzonn li n-nullita tar-revoka tigi dikjarata gudizzjarjament, meta in effett, skond il-ligi, hu veru l-kuntrarju;
>
> In vista ta' dan kollu din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta ghanda tigi akkolta. Qabel ma jigu akkolti t-talbiet attrici huwa necessarju li jigi deciz mill-Qorti kompetenti jekk ir-revoka tal-konvenju ghandiex titqies bhala valida jew le. F'dan ir-rigward ghalhekk hu necessarju li s-socjeta' attrici titlob gudizzjarjament din id-dikjarazzjoni. Inoltre, ghar-ragunijiet moghtija, tali dikjarazzjoni ma tistax tinghata f'dawn il-proceduri. Konsegwentemnet is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> Ghal dawn il-motivi:-
>
> Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> Spejjez kontra s-socjeta' attrici."

Din is-sentenza inghatat fl-istess jum li fih il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet kawza ohra promossa mill-istess socjeta' attrici kontra l-Avukat Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale bhala diretturi u ghan-nom u in rappresentanza ta' Forwarders Limited. Dawn iz-zewg kawzi gew trattati kontestwalment u gew decizi fl-istess jum. L-istess qed isir in sede appell.

**<u>Appell</u>**

Is-socjeta' attrici appellat minn din is-sentenza. Appellat ukoll mis-sentenza fil-kawza l-ohra appena citata b'rikors minnha pprezentat fiz-zewg kawzi fl-4 ta' Awissu, 1998. L-iter processwali fir-rigward tan-notifika tar-rikors ta' l-appell lis-socjeta' appellata hu identiku f'din il-kawza bhal dak tal-kawza l-ohra appena citata citazzjoni numru

1025/95GC. Ic-cirkostanzi relattivi ghall-gheluq tal-proceduri bil-mitkub f'din il-kawza, huma l-istess bhal dawk fil-kawza l-ohra.

**<u>Eccezzjoni ta' dezerzjoni</u>**

Dawn ic-cirkostanzi huma elenkati fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti illum f'din it-tieni kawza (Citazzjoni numru 1025/95GC) u dana f'nota ta' osservazzjonijiet prezentata f'dik il-kawza mis-socjeta' appellanti u dana in difiza ta' eccezzjoni ta' dezerzjoni moghtja mis-socjeta' appellata.

Is-socjeta' appellat infatti, f'din il-kawza bhal fil-kawza l-ohra eccepiet id-dezerzjoni ta' l-atti f'termini identici.

"Preliminarjament, peress illi l-esponenti nomine gew notifikati bir-rikors ta' l-appell odjern fit-13 ta' Marzu, 2000 filwaqt illi l-istess rikors ta' l-appell kien gie pprezentat fl-4 ta' Awissu, 1998, dan l-appell ghandu jigi dikjarat bhala dezert minhabba illi l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien sena a tenur ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet fuq premessi li minnha sar l-appell odjern ghandha tigi dikjarata illi ghaddiet in gudikat."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Peress illi c-cirkostanzi fattwali relattivi ghal din l-eccezzjoni huma fiz-zewg kawzi identici sa lanqas partikolari, hu bizzejjed ghal din il-Qorti

illi taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fil-kawza l-ohra deciza kontestwalment ma' din u dana bi qbil bejn il-kontendenti.

Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, wara li esponiet il-konsiderazzjonijiet taghha li japplikaw mutatis mutandis anke ghal din il-kawza, illi c-cirkostanzi kienu tali li ma kienux jippermettulha illi b'xi mod tissana d-dezerzjoni komminata a tenur ta' l-artikolu 963 tal-Kapitlu 12 li jipprovdi illi l-proceduri bil-miktub kellhom jigu maghluqa fi zmien perentorju ta' sena. Ma kien hemm l-ebda element partikolari ghal din il-kawza li jissugerixxi lil din il-Qorti li tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-kawza l-ohra illum ukoll deciza (Citazzjoni nurmu 1025/95 GC).

Ghal dawn il-motivi, u ghal motivi espressi f'din it-tieni kawza, l-eccezzjoni ta' dezerzjoni sollevata tempestivament mis-socjeta' appellata qed tigi milqugha u konsegwentement l-appell qed jigi dikjarat dezert u l-Qorti tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista. Spejjez jithallsu mill-attur nomine appellant.

Dep/Reg

cb